MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 387/2007

**Mobisle Communications Limited (C 24655)**

**vs**

**Carmen Saliba**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' hames mija, hamsa u disghin Ewro u hamsin centezmu (€595.50) ekwivalenti ghal Lm255.65, rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta, lis-socjeta' attrici skond Client Contract Number 1002974, in rigward ghal servizi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Mejju, 2006 u Dicembru, 2006.

Bl-ispejjez, inkluz ta` l-ittra ufficcjali tas-27 ta' Frar, 2007, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment

ma` dana l-Att, dawk ta` l-ittra ufficcjali lil banek relattiva ghall-imsemmija mandat u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie pprezentat Kapitolu fil-5 ta’ Frar, 2008, mill-PL Peter Sammut u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenuta naqset li tikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------